A.L. 411 ta' l-2004

ATT TA' L-2004 BIEX JEMENDA LIĠIJIET DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI (ATT NRU. VII TA' L-2004)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setghat mogħtijin bl-artikolu 1(2) u bl-artikoli 2(2), 10(2), 29(2), 40(2), 45(2), 47(2) u 54(2) ta' l-Att ta' l-2004 biex Jemenda Liġijiet dwar il-Komunikazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att li Jemenda", il-Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni stabbilixxa l-14 ta' Settembru, 2004 bħala d-data meta għandhom jidħlu fis-seħħ l-artikoli kollha li jifdal ta' l-Att li Jemenda, minbarra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 34 tat-Taqsima VII ġdida fl-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità dwar il-Komunikazzjoni li hemm fl-artikolu 8 ta' l-Att li Jemenda.